# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 24 ta' Awwissu 2024**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Robert De Carlo**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: ROBERT DE CARLO, ta' tnejn u hamsin (52) sena, ta' nazzjonalità Maltija, iben Sancio De Carlo u Mary Rose xebba Pace, imwieled Sliema, Malta, nhar it-tieni (2) jum ta' Gunju tas-sena elf u disa' mija u tnejn u sebghin (1972), u residenti fl-indirizz *7, Flat 1, Triq A. Cuschieri, Birkirkara*, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 226272M**

**Akkuzat talli:** ***fil-Gżejjer Maltin u/jew barra minn dawn il-Gżejjer, bejn l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) u it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li twettqu b'riżoluzzjoni waħda:-***

1. *Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffirmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli,*

*dikjarazzjonijiet jew fatti, li dawk l-atti jew skritturi kellu ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;*[1]

2. *Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għen jew assista lil xi persuna jew persuni biex jinżlu l-art f'Malta, jew biex toqgħod ġewwa Malta, kontra d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta), jew lil xi persuna jew persuni biex jinżlu l-art jew jittantaw jinżlu l-art, jew li joqgħodu ġewwa, jew li jitilqu minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta' dak l-Istat, jew ħeba jew ta kenn lil xi persuna jew persuni li kien jaf jew kellu tassew għax jaħseb li kienu f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta);*[2]

3. *Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, dwar xi informazzjoni li għandha tiġi mogħtija skont jew għall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta), ta jew ġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz.*[3]

*Din il-Qorti hija mitluba sabiex kemm-il darba tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom:*

*Minbarra li tinfliġġi l-pwieni skont il-liġi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A u/jew 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok HG 4) u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu u jerġa jikkonsulta ruhu mal-avukat.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li għandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat għar-reati addebitati lilu u semghet ukoll lill-partijiet jissuġġerixxu lill-Qorti piena ta' sentenza ta' priġunerija sospiża.

***IKKUNSIDRAT***

---

[1] Artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali.
[2] Artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfacentement ippruvati.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tiegħu, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tal-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz kif jemergu mill-atti u kif ukoll dak suġġerit minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni taghhom.

***DECIDE***

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 32(1) (a) u (c) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **ROBERT DE CARLO** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah **għal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' sentejn (2) millum**.

Il-Qorti spjegat lill-ħati **ROBERT DE CARLO** fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 532A u/jew 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċhad tali talba stante li ma nġabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiż-żmien pprovdut mill-Liġi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**24 ta' Awwissu 2024**